CittaNotabile

# Minuti tal-laqgha numru 38 tas-seba Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 12 ta' April 2016 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter SantManduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Presenti |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Mark Mallia | MM | Prezenti |

**38.1** **Approvazzjoni tal-Minuti**

38.1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa numru 37 gew approvati

**38.2** **Punti Mqajma**

38.2.1 Is- Sindku talab lis- SE biex iqabbad lil Charles Gauci biex għallinqas darba fil-ġimgħa jiġu msaqqija l-pots li jinsabu ġewwa l-Imdina.

38.2.2 Is- Sindku talab lis- SE biex joħroġ *Press Release* b'rabta mal-Mdina Medieval Festival.

38.2.3 Is- Sindku talab lis- SE biex jagħraf lis- Surġenta ta' L-Għassa biex jizguraw li l-kuċċiera tal-karozzini qed juzaw il-*horse shelter* l-ġdida.

38.2.4 Is- Sindku talab lis- SE biex jibgħat *reminder* lil- Transport Malta biex isiru s-sinjali tat-toroq quddiem id-daħla tal-bieb prinċipali ta' L-Imdina.

**38.3** **Tender MLC 2/16- Aġġudikazzjoni**

38.3.1 Is- Segretarju poġġa fuq il-mejda tal-Kamra rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

Huwa spjega li l-Bord ibbaza l-evalwazzjoni tiegħu fuq rapport indipendenti li ġie ikkommissjonat mill-Kunsill u li l-għazla riedet ssir a bazi tal- most economically advantageous tender (MEAT).

38.3.2 Il-Kunsill b'mod unanimu approva li t-tender għal Lot 1 jingħata lil- Charles Mifsud, Lot 2 lil Waste Collection Ltd u Lot 3 lil Charles Mifsud.

**38.4 Medieval Mdina 2016**

38.4.1 Is- Sindku ta' l-aħħar dettalji fuq il-preparamenti li għaddejjin b'rabta ma' l-organizzazjoni tal- Medieval Mdina. Huwa fakkar ukoll lill-Kunsilliera fuq il-*Press Conderence* li ser ssir nhar l-Ġimgħa 15 ta' April fejn prezenti ser ikun hemm is- Segretarju Parlamentari, L-Onor. Stefan Buontempo.

**38.5 Korrispondenza**

38.5.1 Talba mingħand is- Sur Uli Baisch fir-rigward tal-kiri tal-pjazza quddiem Xara Palace għal tieġ u parking ġewwa t- Tomba. Il-Kunsill approva.

38.5.2 Talba mingħand Liberty International Malta Ltd biex isir *gala dinner* b'rabta ma' konferenza li ser issir f'Malta fl-1 ta' Ottubru 2016, fil-Pjazza ta' quddiem il-Kattidral. Il-Kunsill talab lis- SE biex isiru taħdidiet mal-kumpanija b'rabta ma' din it-talba.

38.5.3 Talba mingħand il-Forzi Armati ta' Malta biex quddiem il-Kattidral jittella' kunċert b'risq il- Marigold Foundation nhar s-Sibt 4 ta' Ġunju 2016. Il-Sindku talab lis- SE jikteb, biex issir laqgħa mal- forzi armati f'dan ir-rigward.

38.5.4 Ilment mingħand s- Sur Spiteri fejn jidher li waħda mill-gates ta' l-għajn tal-ħasselin kienet miftuħa u instabu xi siringi.Huwa qed jitlob li tingħalaq din il-gate. Il-Kunsill ser jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa.

**38.6 Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash**

38.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-12 ta' April 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 21,214.14.

38.6.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Joseph Debono li kien issekondat mill-Kunsilliera Camille Scerri. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal 12 ta' Mejju 2016.

_______________________

Peter Sant Manduca
Sindku

_______________________

Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv